



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 108/11
il-Lussemburgo, il-10 ta' Ottubru 2011

Stampa u Informazzjoni

Il-mandat ta' Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku W. Hakenberg huwa mġedded

Il-mandat ta' Waltraud Hakenberg, Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea sa mit-30 ta' Novembru 2005, li ser jiskadi fid-29 ta' Novembru 2011, iġġedded fl-10 ta' Ottubru 2011, għal perijodu li jmur mit-30 ta' Novembru 2011 sad-29 ta' Novembru 2017.

Ir-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġiet eletta mill-imħallfin tat-tribunal għal mandat ta' sitt snin.

Waltraud Hakenberg

Imwielda fl-1955; studji fid-dritt f'Regensburg u f'Geneve (1974-1979); l-ewwel eżami tal-Istat (1979); studji post universitarji fid-Dritt Komunitarju fil-Collège d'Europe ta' Bruges (1979-1980); Maġistrat trainee f'Regensburg (1980-1983); Dottorat fid-dritt (1982); it-tieni eżami tal-Istat (1983); Avukat fi München u f'Pariġi (1983-1989); Uffiċjal mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1990-2005); Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (Uffiċċju tal-Imħallef Jann, 1995-2005); attivitajiet ta' tagħlim f'diversi universitajiet fil-Ġermanja, fl-Awstrija, fl-Isvizzera u fir-Russja; Professur Onorarju fl-Università tas-Saarland (mill-1999); Membru ta' diversi kumitat, assoċjazzjonijiet u bordijiet ġuridiċi; diversi pubblikazzjonijiet fil-qasam tad-Dritt Komunitarju u tal-ġurisprudenza Komunitarja; Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mit-30 ta' Novembru 2005

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355